MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2007

Citazzjoni Numru. 1641/1999/1

**A B**
**vs**
**C B**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

Peress illi l-kontendenti zzewgu fl-24 ta’ Marzu 1979 kif jirrizulta mill-anness certifikat taz-zwieg (Dok A).

Peress illi z-zwieg ta’ bejn il-kontendenti thassar irrevokabilment minhabba swat, adulterju, abbandun, sevizzi, ingurji gravi, u theddid kommessi da parti tal-konvenut kif ukoll inkompatabilita ta’ karattru.

Peress illi miz-zwieg twieldu zewgt itfal, ossia D ta' sbatax-il sena (17) u E ta' tlettax-il sena (13) kif jirrizulta mill-annessi certifikati tat-twelid (Dok B u C).

Peress illi l-attrici giet debitament awtorizzata skond Digriet tas-Sekond Awla tas-17 ta' Gunju 1999 kopja ta' liema tinsab esebita bhala Dok D biex tipprocedi ghas-separazzjoni personali.

Jghid il-konvenut ghaliex m' ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti.

2. Tikkundanna l-konvenut ihallas manteniment adegwata ghall-attrici u ghaz-zewg ulied minuri.

3. Tikkorda l-kura u kustodja taz-zewg ulied minuri fuq imsemmija lill-attrici.

4. Tiddikjara xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti ta' bejn il-kontendenti, tillikwida l-istess komunjoni, taqsamha f' zewg porzjonijiet applikando kontra l-konvenut is-sanzjonijiet kontemplati fil-ligi u tassenja wahda lill-attrici u l-ohra lill-istess konvenut, bin-nomina okkorrendo ta' perit biex jaghmel l-imsemmija likwidazzjoni u jipproponi pjan ta' qasma, u okkorrendo ta' nutar biex jircievi l-att opportun u kuratur biex jirraprezenta l-eventwali kontumaci fuq l-istess att.

5. Tikkundannah sabiex jikkonsenja lill-attrici fi zmien qasir u perentorju li jigi lilu prefiss l-oggetti kollha parafernali nkluzi flus, u fin-nuqqas jigi kkundannat ihallas lill-attrici l-valur taghhom kif jigi likwidat okkorrendo permezz ta' perit nominand.

Bl-ispejjez u l-konvenut ingunt in subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut li biha eccepixxa:

1. Illi l-eccipjent jaqbel li ghandha tigi ddikjarata s-separazzjoni bejnu u bejn martu stante li z-zwieg tkisser minhabba tortijiet imputabbli lill-attrici.

2. Illi mhux minnu li l-eccipjent irrenda ruhu hati ta' dak li qeghda tallega l-attrici u cioe' swat, adulterju, abbandun, sevizzi, ingurji gravi u theddid.

3. Illi l-htija tat-tifrik taz-zwieg tal-konjugi B hija mputabbli lill-attrici senjatament minhabba abbandun, mohqrija, sevizzi u ngurji gravi.

4. Illi l-eccipjent jaqbel li l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejnu u bejn l-attrici ghandha tigi xolta, b' dan li jigu applikati fil-konfront ta' l-attrici s-sanzjonijiet kontemplati fil-Ligi.

5. Illi fir-rigward tal-manteniment, l-eccipjent huwa dizokkupat u m' huwiex f' qaghda finanzjarja li jissomministra manteniment. F' kull kaz u minghajr pregudizzju ghal dan, l-eccipjent m' ghandux jigi kkundannat ihallas manteniment ghall-attrici u ghal D.

6. Illi rigward il-hames talba attrici, din hija nfondata stante li meta l-attrici abbandunat id-dar matrimonjali hadet l-oggett kollha parafernali taghha.

Rat il-kontro talba maghmula mill-konvenut rikonvenjonant u li tinsab a fols.15 u 16 tal-process;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ta' l-attrici rikonvenjonata u li tinsab a fols.18 u 19 tal-process;

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet, il-listi tax-xhieda, u l-affidavits prezentati;

Rat ir-relazzjoni tal-perit gudizzjarju l-Avukat Dottoressa Veronica Galea Debono, minnha debitament mahlufa;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**Azzjoni u Kontro talba**
Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob is-separazzjoni personali minn ma’ zewgha l-konvenut ghar-ragunijiet kontemplati fl-artikoli 38, 40 u 41 tal-Kap.16 imputabbli lill-konvenut li; kif ukoll sabiex din il-Qorti tirregola l-effetti konsegwenzjali tas-separazzjoni.

Illi minn naha tieghu l-konvenut, fiwaqt li jaderixxi mat-talba ghas-separazzjoni personali, jattribwixxi l-htija lill-attrici fit-termini ta’ l-artikoli 40 u 41 tal-Kap.16

Iz-zewg partijiet jichdu l-imputazzjonijiet maghmula fil-konfront ta’ xulxin.

**Separazzjoni Personali**
Illi mill-provi jirrizulta li l-partijiet izzewwgu fl-24 ta’ Marzu 1979 u minn dan iz-zwieg ghandhom zewgt-it tfal li llum huma maggjorenni: D li twieldet fis-16 ta’ Frar 1982, u Timothy li twieled fil-5 ta’ April 1986 Wara konvivenza ta’ circa ghoxrin sena l-attrici, flimkien ma’ uliedha u ohta li kienet tghix maghhom, marru jghixu go post iehor mikri lil ohtha minghand il-Gvern, filwaqt li l-konvenut baqa’ jghix fid-dar matrimonjali.

Illi z-zewg partijiet imputaw lil xulxin imgieba hazina li wasslet ghar-rottura tal-konvivenza matrimonjali. Mill-provi jirrizulta li l-inkwiet bejn il-partiijet beda meta l-konvenut, wara li kien jispicca mix-xoghol, kien imur iqatta’ hafna hin fil-bars fejn kien idum sas-sieghat bikrin ta’ filghodu. Meta l-attrici kienet tirrimarkalu u tgergirlu ghall-fatt li huwa kien qed jidhol id-dar bejn it-3.00 u l-4.00, stante li jidher li dan kien isir tas-spiss, il-partijiet kienu jitlewmu, bil-konsegwenza li l-konvenut kien isir abusiv fil-konfront taghha u ta’ uliedhom, b’ theddid, tkissier u ghajjat. Eventwalment, skond l-attrici, dina ma felhitx tghix izjed f’ din it-tensjoni, u lejn l-ahhar tas-sena 1997 hi, flimkien ma’ uliedhom u ohtha xebba, marru joqghodu f’ post tal-Gvern mikri lil din ohtha. Jidher pero’ li sa dak iz-zmien l-attrici ma kienitx ghadha qatghet qalba li

s-sitwazzjoni bejnha u bejn zewgha titranga, tant li ghal xi zmien kienet terga' tmur fid-dar konugali, filwaqt li l-konvenut stess kien ifittixha fil-post fejn marret toqghod.

Izda rrizulta li darba minnhom l-attrici kienet qabdet lill-konvenut f' sitwazzjoni li ragjonevolment tati x' tifhem b' mod qawwi li dan kellu hbiberija zejda ma' mara parentata ma' l-attrici; mill-band' l-ohra jirrizulta li anke l-istess attrici kienet ghamlet hbiberiji zejda ma' xi rgiel identifikati fil-process. Jigi rilevat biss li l-ebda wiehed minn dawn it-tezi ma gie prodott bhala xhud.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehma li jezitu provi sodisfacenti li jwasslu ghall-konkluzjoni li z-zwieg bejn il-koppja tkisser irrimedjabbilment, u ghal dan jahti primarjament il-konvenut minnhabba l-agir tieghu abusiv fil-konfront ta' martu u ta' uliedu, kif ukoll minhabba ngurja gravi fil-konfront ta' martu; u sekondarjament, u b' mod konsegwenzjali minhabba hbiberiji zejda da parti ta' l-attrici, li jikkostitwixxu ngurji gravi fil-konfront ta' zewgha.

Dan ghandu jimporta fil-konfront taz-zewg partijiet l-applikazzjoni ta' l-artikolu 48[1][a][b]u [d] tal-ka.16

**Manteniment**

Illi mill-provi jirrizulta li l-attrici telqet flimkien ma' uliedha mid-dar konjugali lejn l-ahhar tas-sena 1997. Fis-17 ta' Gunju 1999, is-Sekond' Awla tal-Qorti Civili, fuq rikors ta' l-attrici, ordnat, inter alia, li l-konvenut ihallas lill-attrici pendente lite is-somma ta' Lm140, rapprezentanti in kwantu ghal Lm70 manteniment ghaliha, u in kwantu ghar-rimanenti Lm70 manteniment ghaz-zewg uliedhom.

Illi permezz ta' rikors prezentat mill-konvenut fid-9 ta' Novembru 1999 huwa talab ir-revoka contrario imperio ta' l-imsemmi digriet; u b' rikors sussegwenti prezentat minnu fl-1 ta' Frar 2000, huwa talab li din il-Qorti tiddecidi l-kwistjoni qabel is-seduta tat-22 ta' Marzu 2000 quddiem il-Qorti tal-Magistrati [Malta] peress li "l-intimata [l-attrici] intavolat proceduri kriminali kontra tieghu li permezz taghhom qeda thedded lil zewgha li anke titfghu il-habs kemm il-darba "jibqa" [sic] ma jghatihiex il-manteniment.

Jigi osservat li fid-deposizzjoni tieghu tat-12 ta’ Mejju 2000 il-konvenut ammetta li mid-data tad-digriet huwa ma hallas ebda manteniment lil martu.

Il-Qorti li semghet l-imsemmi rikors ikkonfermat l-imsemmi digriet, hlief fir-rigward tat-tifla D peress li din kienet saret maggjorenni; u ghalhekk ordnat li l-konvenut jghaddi lill-attrici manteniment mensili ta’ Lm70 ghaliha u ta’ Lm35 ghal minuri Timothy.

Jigi osservat ukoll ghal kull buon fini li l-Qorti ma tikkunsiderax bhala veritiera l-allegazzjoni tal-konvenut li dana ma baqax jahdem, u hemm elementi ta’ provi li juru l-kuntrarju.

Il-premess jikkonforta u jikkorrobora d-diversi affermazzjonijiet mghamula mill-attrici li, nonostante d-digrieti indikati, l-konvenut baqa’ ma hallas ebda manteniment, hlief dak dovut lit-tifel Timothy meta dana ghalaq is-sittax-il sena.

Illi in propositu ghall-manteniment dovut lill-attrici ghaliha, il-Qorti tosserva li huwa rilevanti l-fatt li kif fuq spjegat dina kienet irrendiet ruhha hatja ta’ ingurji gravi fil-konfront tar-ragel taghha sa mis-sena 1999 bil-hbierija zejda li kellha ma xi rgiel, liema fatt jinsab konfermat mit-tifel taghhom, kif ukoll mid-diversi affidavits ta’ xhieda, prezentati mill-konvenut.[1]

Fil-fehema tal-Qorti dan il-komportament ta’ l-attrici ghandu jiggustifika d-dekadenza mid-dritt tal-manteniment ghaliha, u ghalhekk it-talba attrici in kwantu diretta ghall-manteniment ghaliha fil-futur, ma tistax tigi milqugha. Inoltre, ghal dak li jirrigwarda il-manteniment arretrat dovut ghaliha pendente lite u li baqa’ ma thallasx, il-pretensjoni attrici ssib ostakolo fl-artikolu 25, stante li fiz-zmien li nghata d-digriet fis-sena 1999, l-attrici li kienet ilha li tleqet mid-dar circa sentejn, kienet qeda tiffrekwenta hbieb irgiel.

[1] Vide wkoll xhieda attrici – fol.121

Illi pero' il-premess ma jimmiltax kontra t-tesi li l-manteniment dovut lill-attrici, ghat-tfal minuri, kien u ghadu dovut; b' mod li gialadarba din il-Qorti hija sofisfatta li dana qatt ma thallas, u fl-assenza ta' eccezzjoni formali tal-preskrizzjoni, il-konvenut jibqa' obbligat li jhallas lill-attrici somma ewkivalenti ghal dan il-manteniment minn Gunju 1999 sakemm it-tifla D ghalqet 18 il-sena fis-16 ta' Frar 2000, u t-tifel Timothy ghalaq 16-il sena fil-5 ta' April 2002 – ammontanti komplessivament ghas-somma ta' Lm1,452.[2]

**Komunjoni ta' l-Akkwisti**

Illi din tikkonsisti principalment assi immobbli, kirja u effetti mobbli, anke krediti, kif ser jigi ndikat hawn taht. Jigi osservat li l-ezistenza ta' xi uhud mill-assi qeda tigi kontestata. Il-Qorti, fic-cirkostanzi tal-kaz, tikkunsidera opportuna s-segwenti assenjazzjoni, u konformament tordna hekk:

[1] Il-kirja tad-dar Blokk C7 Flat 4, Qasam tad-Djar, Triq Mahatma Ghandi Fgura mikrija minghand il-Gvern b' kera annwali ta' Lm66.

F' dan ir-rigward il-Qorti tikkondividi il- konkluzjoni raggjunta mill-perit legali, li din il-kirja ghandha tigi assenjata lill-konvenut; tenut kont ukoll tal-fatt li llum l-attrici, li necessarjament tghix ma' ohtha li ssofri minn dizabilita', tghix f' post iehor, irrangat u gharmat b' mod tajjeb u li fih ilha toqghod ghal diversi snin.

[2] Nofs [1/2] indiviz ta' basement garage fi Triq Gdida gewwa s-Siggiewi tal-valur dan in-nofs ta' Lm4,000; u li fuqu jidher li hemm dejn ta' Lm1,750 dovut lil certu C Vella.

Il-Qorti tordna li dan in-nofs indiviz jinbigh bis-subbasta fi zmien sena, jekk il-partijiet involuti ma jaqblux li jinbigh fuq is-suq liberu; u r-rikavat, wara li jitnaqqas minnu d-dejn fuq indikat ta' Lm1,750 dovut lill-imsemmi C Vella,

[2] rappresentanti Lm280 manteniment ghal D mis-17 ta' Gunju 1999 sas-17 ta' Frar 2000; u Lm1,172 manteniment ghal minuri Timothy mis-17 ta' Gunju 1999 sal-5 ta' April 2002.

jinqasam f' zewg porzjonijiet ugwali li wahda minnhom tigi assenjata fl-intier taghha lill-attrici; filwaqt li l-porzjoni l-iehor jinghata lill-konvenut, wara li minn dan il-porzjoni titnaqqas minnu s-somma ta' Lm1,452 rapprezentanti manteniment arretat kif fuq indikat u li ghandha tinghata lill-attrici.

[3] Vettura Isuzu Pick Up numru FAS-614 li qeda tigi assenjata fl-intier taghha lill-konvenut; filwaqt li l-vettura Daewoo Racer numru IAE-097 qeda tigi assenjata fl-intier taghha lill-attrici.

[4] L-ghamara ezistenti fid-dar il-Fgura li kienet id-dar matrmonjali tal-partijiet. Din l-ghamara ghandha tigi assenata lill-konvenut, hlief ghaz-zewgt ikmamar tas-sodda [eskluza l-main bedroom] u s-salott li qed jigu konsenjati lill-attrici.

[5] L-ghamara ezistenti fir-residenza attwali ta' l-attrici numru 5 Residual Blokk Triq Wigi Rosato, Bormla. Din qed tigi assenjata kollha lill-attrici.

[6] Kreditu ta' Lm3,000 rapprezentanti nofs il-kreditu dovut lill-partijiet mill-kumpanija Yellow Skips Bonnici & Sons Ltd, rapprezentanti somma ta' flus mislufa minnhom lil din is-socjeta.'

Il-kontestazzjoni tal-konvenut f' dan ir-rigward hi li l-attrici ma gabitx il-provi li dan il-kreditu ghadu jezisti, u semmai, jekk ghadu jezisti l-attrici ghandha tippercepixxi sehemha mill-imsemmija kumpanija debitrici taghha. In propositu l-Qorti tosserva li fl-atti jezistu biss kopja ta' skrittura[3] ffirmata miz-zewg partijiet bhala mutwanti, u li ggib id-data 11 ta' Lulju 1997, kif ukoll l-asserzzjoni attrici li dan il-kreditu ghadu dovut.

Dwar dan il-kreditu, kemm il-darba ghadu jezisti, il-Qorti tafferma s-sehem ta' l-attrici fl-ammont ta' Lm3,000 rapprezentanti nofs is-sehem misluf, izda ,li ghandu jigi mhallas lilha mis-socjeta' debitrici.

---

[3] Fol.48

[7] Illi l-attrici tghid li l-konvenut ghandu scammel li huwa kien xtara bil-flus li kien issellef minghand certu C Bondin kif jirrizulta mill-kopja ta' l-iskrittura[4] datata 24 ta' Lulju 1997. Minn naha tieghu l-konvenut jikkontesta l-ezistenza ta' din il-vettura fuq ismu u jsostni li l-attrici ma gabitx provi sodisfacenti f' dan ir-rigward.

Il-Qorti tosserva li l-provi f' dan ir-rigward huma skarsi u li l-attrici ma rnexxielhiex tipprova b' mod sodisfacenti li l-konvenut ghandu din il-vettura; izda tordna li, talvolta li jirrizulta li din il-vettura verament inxtrat mill-konvenut, din ghandha tibqa' fl-intier taghha ghand il-konvenut li pero' huwa esklussivament responsabbli ghad-dejn gravanti l-istess vettura.

Illi l-attrici qeda wkoll tavvant versu l-komunjoni ta l-akkwisti kreditu ta' Lm5,000 rapprezentanti sehemha mill-bejgh ta' maisonette li l-partijiet kienu bieghu permezz ta' kuntratt[5] pubblikat fit-18 ta' Dicembru 1997 minn Nutar Rachel Busuttil. Minn naha tieghu l-konvenut qed jikkontesta din il-pretiza attrici, in bazi ghal fatt li skond hu din ma ressqitx provi bizzejjed li hija kienet fil-fatt thallset sehemha mill-prezz globali ta' Lm10,000.

Il-Qorti tosserva in propositu li kif jirrizulta mill-kuntratt ta' compravendita, iz-zewg konjugi kienu deheru personalment fuq il-kuntratt bhala "il-Bejjiegha", u l-prezz kien thallas "prezenjalment fuq il-kuntratt u thalliet ricevuta finali mill-bejjiegha.[6]" Ghalhekk minn dan l-att u in difett ta' provi li juru l-kuntrarju, jirrizulta li l-attrici, bhala wahda mill-bejjiegha li dehret fuq l-att u li kienet prezenti ghall-bejgh tal-fond u ghall-hlas tal-prezz, fil-fatt thallset sehem taghha mill-prezz, tant li fuq il-kuntratt gie registrata ricevuta finali miz-zewg bejjiegha.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehma li l-attrici ma rnexxielhiex tipprova l-pretensjoni taghha f' dan ir-rigward.

---

[4] Fol.66
[5] Fol.78 *et seq.*
[6] Fol.79 – sottolinear tal-Qorti

Ill in fine, il-Qorti tordna li kull dejn iehor li talvolta jirrizulta li sar minn konjugi ad insaputa tal-konjugi l-iehor, ghandu jigi assunt kollu kemm hu minn dak il-konjugi li kkuntrattah.

**Decide**

Ghal dawn il-motiv tiddecidi dwar it-talba attrici billi:

[1] tilqa' l-ewwel talba u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet;

[2] tichad it-tieni talba in kwantu diretta ghall-hlas ta' manteniment ghall-attrici ghar-ragunijiet fuq indikati b' applikazzjoni fil-konfront taz-zewg konjugi ta' l-artikolu 48[1][a][b] u [d] tal-Kap.16; filwaqt li tilqaghha in kwantu ghal-manteniment dovut ghat-tfal tal-kontendenti D u Timothy sakemm saru maggjorenni; u tillikwida dan il-manteniment dovut fl-ammont komplessiv ta' elf erba mija tnejn u hamsin lira maltin [Lm1,452] liema ammont ghandu jithallas bil-mod kif fuq indikat that l-intestatura "Komunjoni ta' l-akkwisti";

[3] tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tielet talba stante li t-tfal illum huma maggjorenni;

[4] tilqa' ir-raba talba u tordna x-xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti b' effett millum, u tordna li din tigi assenjata lill-konjugi kif fuq indiakt that l-intestatura "Komunjoni ta' l-Akwisti."

[5] tichad il-hames talba, in difett ta' provi f' dan ir-rigward.

Tiddeciedi dwar il-kontro talba tal-konvenut billi:

[a] tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, primarjament htija tal-konvenut u sekondarjament htija ta' l-attrici;

[b] tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni talba stante li t-tfal tal-partijiet illum huma maggjorenni;

[c] tilqa' t-tielet talba fis-sens fuq deciz;

[d] tilqa' ir-raba talba, kif gja deciz;

L-ispejjez kollha relattivi kemm ghall-azzjoni attrici kif ukoll ghall-kontro talba tal-konvenut ghandhom jithallsu mill-partijiet, in kwantu ghal zewg terzi [2/3] mill-konvenut, filwaqt li r-rimanenti terz [1/3] ghandu jithallsu mill-attrici.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------